**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

CCT/170/20/S

Alexander Zammit
Vs
Air Malta plc

Illum 2 ta' Mejju, 2024.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Alexander Zammit ippreżentata fl-18 ta' Novembru, 2020 kif ukoll ir-risposta tas-soċjeta' Air Malta plc ippreżentata fil-21 ta' Jannar, 2021.

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni magħmula waqt is-seduta tal-4 ta' Marzu 2021.

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem, din il-pendenza tirrigwarda vjaġġ illi ġie pospost għal ġurnata ta' wara u li b'konsegwenza ta' hekk ir-rikorrenti inkorra spejjeż illi permezz ta' din it-talba qed jitlob mingħand is-soċjeta' intimata.

Illi r-rikorrenti spjega illi l-*booking* tiegħu sar mis-sit Swiss.com pero' parti mit-traġitt kien operat mis-soċjeta' intimata.

Illi r-rikorrenti ġie infurmat minn Swiss.com illi it-traġitt lejn Malta kien se jinbidel minħabba *schedule change* u ġiet offerta lill familja Zammit il-vjaġġ tal-għada bil-konsegwenza illi inkorra iktar spejjeż minħabba din id-deċiżjoni.

Illi mhux kontestazzjoni illi dan il-vjaġġ kien magħmul minn tliet *segments* u li l-ewwel żewġ *segments* operaw b'mod normali u l-familja Zammit ħadet dawn it-titjiriet fl-ħinijiet stabbiliti u konfermati.

Illi għall-aħħar *segment* lejn Malta l-*operating airline* kienet is-soċjeta' intimata li r-rikorrent jikwota ir-regolament ewropew 261/2004 li jgħid "*Sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, l-obligazzjonijiet li joħloq għandhom jibqgħu mal-trasportatur ta' l-ajru li qed jopera.*" Li f'dan il-każ kienet is-soċjeta' intimata Air Malta plc.

Illi mix-xhieda ta' Darryl Vella in rappreżentanza tas-soċjeta' intimata ma tantx ressaq argumenti li juru illi r-responsabbilta' tal-kumpens ma kinitx taqa' taħt is-soċjeta' intimata.

Illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ it-talba tar-rikorrenti hija waħda ġustifikata u illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal għandha tintlaħaq.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u iċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' it-talba ta' Alexander Zammit, filwaqt li Jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' Air Malta plc u jordna lis-soċjeta' Air Malta plc tħallas lill Alexander Zammit is-somma ta' €1,019,96. Kull parti ghandha tħallas l-ispejjeż rispettivi ta' dawn i-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru